# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU
Frar 2017

| IL-ĦAMES SENA | IR-RELIĠJON | IL-ĦIN: SIEGĦA U KWART |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ___________________________ Il-klassi:________

| Marka Totali |
|---|
| ______ |
| 100 |

## TAQSIMA A : ALLA JAGĦTINA T-TALENTI

**A. Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba. (5 marki)**

1. Kull bniedem għandu kwalitajiet speċjali bħal (jisraq, jgħin, jigdeb).
2. (Il-kapaċitajiet, Ir-rigali, Il-flus) huma għajnuna speċjali li tani Alla.
3. (It-talenti, Il-ħwejjeġ, In-nanniet) jgħinuni nikber u nsir bniedem sħiħ.
4. Alla qal lil (Abram, Pietru, David) li ser ikollu iben.
5. Meta niskopri t-talenti tiegħi jien għandi (niżviluppahom, nżommhom għalija, ma nagħtix kashom).



**B. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** **(7 marki)**



1. Abram kellu tifel u semmieh

   **I**__________________.

2. Rut kienet taħdem fl-għelieqi biex taqla'

   x'**t**__________________.

3. Abram u Sara kellhom **f**__________________

   kbira f'Alla.

4. Samwel kien jgħix fit-**t**_________________.

5. Mosè trabba fil-**p**_______________ tal-Fargħun.

6. Rut ħadet ħsieb lil **N**_______________ billi ħadmet fl-għelieqi.

7. Martin Luther King ħadem biex nies suwed ikollhom drittijiet bħal

   nies **b**_________________.

**Ċ. Kompli dawn is-sentenzi.** **(4 marki)**

1. Żewġ kwalitajiet sbieħ li għandi huma:

   a)______________________________________________________________

   b)_____________________________________________________________.

2. Jien nista' nuża l-kwalitajiet tiegħi biex: (semmi tnejn)

   a)______________________________________________________________

   b)_____________________________________________________________.

**D.** Ikteb **<u>Veru</u>** jew **<u>Falz</u>** maġenb kull sentenza. **(7 marki)**

1. Problema li kellu Mosè kienet li kien anzjan. ____________________
2. Abram kien il-qassis li ħa ħsieb lil Samwel. ____________________
3. Omm Samwel kien jisimha Anna. ______________________________
4. Rut iżżewġet lil iben Naomi li kien jismu Elimelek. ______________
5. Martin Luther King irċieva l-premju Nobel. ____________________
6. Samwel ma tax kas tal-leħen li sejjaħlu. ______________________
7. Mosè ra siġra taqbad iżda ma tinħaraqx. ______________________



## TAQSIMA B: ALLA JAĦDEM FL-ISTORJA T'ARTNA

**A. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel waħda lesta.**

**(5 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | *Dun Mikiel Xerri fetaħ* | | kuraġġ kbir. |
| 2 | Meta kien żgħir David kien | | t-tbatijiet tiegħu. |
| 3 | Eżekjel kellu | | iżur lill-ħabsin. |
| 4 | Il-Papa Ġwanni XXIII kien | *1* | *skola għall-foqra.* |
| 5 | Ġannina Cutajar kellha | | biex nagħżel it-tajjeb. |
| 6 | Għandi dejjem naħseb | | jirgħa n-nagħaġ. |

**B. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi.** **(5 marki)**

| tajjeb | Taljan | żbalja | għadam | San Ġorġ |
|---|---|---|---|---|

1. Ġannina Cutajar flimkien ma' ____________________ ħadmet fis-sezzjoni tal-mużew tal-bniet.

2. Ir–re David, barra li għamel ġid kbir, ____________________ wkoll.

3. Alla wera lil Eżekjel wied mimli ____________________.

4. Il-Papa Ġwanni XXIII kien ____________________.

5. Aħna dejjem għandna nagħżlu dak li hu ____________________ u naħarbu mill-ħażin.

**Ċ. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**(4 marki)**

Karl kien determinat li jixtri logħba ġdida tal-kompjuter. Ma kellux biżżejjed flus u ommu u missieru ma setgħux jixtruhielu u talbuh jistenna sakemm jasal il-Milied. Karl seraq 20 ewro mill-kartiera ta' missieru u mar sal-ħanut biex jixtri l-logħba iżda nduna li kien għamel ħażin.



1. X'għamel ħażin Karl? (marka)

______________________________________________

2. X'kellu jagħmel Karl meta nduna li għamel ħażin? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

3. X'għandna nagħmlu meta l-ġenituri tagħna jitolbuna nagħmlu xi ħaġa li ma togħġobniex? (marka)

______________________________________________

______________________________________________.

**D. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** **(5 marki)**

1. Il-Papa Ġwanni XXIII kien ġej minn familja
a) ta' ħabsin.
b) ta' bdiewa.
ċ) ta' tobba.



2. Bħala mexxej David kellu
a) ħila biex imexxi.
b) għejja kbira.
ċ) rasu iebsa.

3. Ma kinitx faċli għal Ġannina Cutajar li tgħallem il-katekiżmu
a) għax kien hawn ħafna tfal.
b) għax kien għadu kmieni.
ċ) għax kienet mara.

4. Dun Mikiel Xerri fetaħ skola għal tfal
a) sinjuri.
b) foqra.
ċ) għomja.

5. Eżekjel kien żagħżugħ li
a) kien jafda f'Alla.
b) kien jibża' minn Alla.
ċ) ma kienx jemmen f'Alla.

## TAQSIMA Ċ: NIEĦDU ĦSIEB XULXIN

**A. Agħmel (✓) taħt il-kolonna ta' 'Veru' jew 'Falz'. (4 marki)**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Marija u Ġużeppi damu tlitt ijiem ifittxu lil binhom. | | |
| 2. Iċ-Ċenturjun Ruman ma kellux fidi f'Ġesù. | | |
| 3. Ġesù talab lil Pietru biex jitfa' x-xbieki fil-baħar. | | |
| 4. Il-Fariżej kienu jħobbu jisimgħu dak li jgħid Ġesù. | | |
| 5. Alla jieħu ħsieb dak kollu li ħalaq. | | |
| 6. Ġesù dejjem obda lil ommu u lil missieru. | | |
| 7. Għandna nwarrbu lil min ma jaqbilx magħna. | | |
| 8. Il-Lhud kienu kuntenti jgħixu mar-Rumani. | | |

**B. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi. (5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Marija | Għorrief | Ġesù | Pietru | Fariżew |

1. Staqsejt lil ibni għalfejn kien telaqna. ____________________

2. Ippruvajt inġarrab lil Ġesù fi kliemu. ____________________

3. Għamilt lejl nistad u ma qbadtx ħut. ____________________

4. Stagħġibna b'kemm Ġesù kien jaf jitkellem. ____________________

5. Fejjaqt lit-tifla ta' mara mir-razza tal-Kananin. ____________________

Ċ. **Wieġeb fil-qosor.** **(10 marki)**



1. Jien kif nista' nkun ubbidjenti lejn l-oħrajn?

______________________________________________

______________________________________________

2. Għalfejn jien għandi nuri rispett lejn dawk in-nies li jieħdu ħsiebi?

______________________________________________

______________________________________________

3. X'għamel iċ-Ċenturjun biex juri kemm kellu fidi f'Ġesù?

______________________________________________

______________________________________________

4. Ġesù kif wera li kien għalliem tajjeb?

______________________________________________

______________________________________________

5. Kif nista' nuri li nemmen f'Ġesù?

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA D: JITWIELED GĦALINA

**A. Aqta' sing taħt it-tajba.** **(5 marki)**

1. Meta niċċelebraw flimkien inkunu ( ferħanin, waħedna, mifrudin ).

2. Il-Milied hi festa ta' ( ikliet, rigali, għaqda ).

3. Il-Bambin twieled ġewwa ( lukanda, dar, grotta ) biex jifdina.

4. Narmaw ( is-siġra tal-Milied, il-presepju, il-kewkba ) biex ikollna lil Ġesù ġewwa l-maxtura.

5. ( Ċesari, Erodi, David ) ried joqtol lil Ġesù.



**B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** **(5 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | *Il-gwerer* | | ibegħdna mill-veru Milied. |
| 2 | L-anġlu xandar lir-rgħajja | | kienu ferħanin ħafna bit-twelid ta' Ġesù. |
| 3 | Ġużeppi u Marija | | l-bxara li twieled il-Messija. |
| 4 | Il-ħmara | *1* | *iġibu l-firda.* |
| 5 | Il-kummerċ | | għarkopptejhom u tawh qima. |
| 6 | Ir-rgħajja niżlu | | saħħnet lil Ġesù tarbija. |

**Ċ. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** **(5 marki)**

1. Fl-1914 is-suldati **I**__________________ u Ġermaniżi kienu qed jiġġieldu.

2. Fil-Milied tal-1914 is-suldati ddeċidew li **j**________________ mill-ġlied.

3. Il-festa tal-Milied iġġib magħha l-**h**_________________.

4. Ir-r__________________ marru bi ħġarhom biex jaduraw lil Ġesù.

5. M__________________ aċċettat mill-ewwel biex tkun omm Alla.

**D. Wieġeb fil-qosor.** **(4 marki)**

1. Fil-presepju jien nixtieq li kont ________________________________
(marka)

2. Nixtieq li kont dan il-pastur għax ________________________________
________________________________________________________ (marka)

3. L-anġlu t'Alla deher l-ewwel lir-rgħajja għax ______________________
______________________________________________________________
________________________________________________________(2 marki)

## TAQSIMA E: IL-ĦBIEB TAGĦNA

**A. Aqta' linja taħt it-tajba.** **(5 marki)**

1. Min isib ħabib ta' veru jkun sab
a) rigal.
b) teżor.
ċ) ċavetta.



2. Il-parabboli ta' Ġesù huma stejjer
a) tad-daħk.
b) twal.
ċ) b'tagħlima.

3. Meta niżbaljaw Ġesù lest li
a) jċanfarna.
b) jaħfrilna.
ċ) jieħu ħsiebna.

4. Ġesù għallimna li aħna għandna dejjem
a) naħfru lil min jagħmlilna l-ħsara.
b) nidħku b'ħaddieħor kemm jista' jkun.
ċ) noqogħdu għalina u ngħixu waħedna.

5. Fil-parabbola tal-qaddej u s-sid, is-sid ippretenda li l-qaddej
a) jieħu dak li ħaqqu.
b) jiġġieled ma' sieħbu.
ċ) jaħfer lil sieħbu wkoll.

**B. Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi.** **(6 marki)**



| | | |
|---|---|---|
| wieħed | apprezzament | San Pawl |
| qalbna | tħobbu | grazzi |

1) Ġesù qal li ____________________ għandha tkun bħal tat-tfal.

2) Għandna dejjem nuru ____________________ lejn min jgħinna.

3) Dan hu l-kmandament tiegħi li ____________________ lil xulxin bħal ma ħabbejtkom jien.

4) Għandi dejjem ngħid ____________________ lil kull min jgħinni.

5) Ġesù fejjaq għaxar lebbrużi iżda ____________________ biss mar lura biex jirringrazzjah.

6) L-ittra ta'____________________ lill-Korintin tkellimna dwar ħbieb ta' vera.

**Ċ. Kompli dan it-talb.** **(4 marki)**



1. Mulej għinna nkunu ħbieb ta' vera billi (2 marki)

___________________________________________

___________________________________________

2. O Mulej agħtini kuraġġ biex (2 marki)

___________________________________________

___________________________________________

**D. Wieġeb fil-qosor.** **(5 marki)**

Kif għandha tkun l-imġiba tagħna ma' dawk ta' madwarna ?

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

## TMIEM IL-KARTA